MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 350/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**Vs**

**Francesca Bell**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Mejju, 2005 ghall-habta tas-6.00 p.m. u fit-13 ta’ Mejju, 2005 ghall-habta tal-5.15 p.m. gewwa “Eleganza”, Naxxar Road, San Gwann :
1) ingurjat jew hedded lil Susan Pisani bil-kliem;
2) qalet kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;
3) volontarjament kisret il-bon ordni w il-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Dicembru, 2005, li biha ddikjarat l-azzjoni preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Dicembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellata f'dawn l-akkuzi, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-prodediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti ;- li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellata minhabba li l-azzjoni kienet preskritta meta fil-fatt u skond il-ligi din ma kienetx. Meta fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti tat ad intendere li l-imputata ma kienetx notifikata regolarment minhabba li l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fil-kunjom taghha u dan wara li effettivament kienet dehret il-Qorti in segwitu ghan-notifika regolari tac-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva, kienet qeghda necessarjament tirriferi ghat-tahrika originali tal-imputata da parti tal-Pulizija Exekuttiva bil-kunjom Belli flok Bell, pero' f' dik is-seduta l-imputata dehret u minhabba f' hekk biss, il-funzjoni principali tac-citazzjoni giet ezawrita. U ghalhellk il-procediment odjern kien inbeda entro z-zmien preskritt bil-ligi mill-eghmil tar-reat. Wisq inqas setghet il-Qorti Inferjuri tiddikjara l-preskrizzjoni tat-tlitt xhur ghar-reati kontravvenzjonali galadarba l-imputata dehret fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2005, meta fil-fatt inghatat is-sentenza appellata u meta minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li l-imputata b' xi mod allegat li ma kienetx notifikata ghas-seduta ta' dak in-nhar.

**Rat li l-Qorti awtorizzat lil-Prosekuzzjoni li b' nota tindika jekk il-*foot note* li hemm a fol-4 tar-rikors tal-appell tirreferix ghal xi sentenza jew gurisprudenza, f'**

**liema kaz ghandha tindika fl-istess nota bil-visto tal-kontroparti.**

**Rat li Dr. Nadia Vella, ghall-appellata, giet awtorizzata taghmel nota ta' riferenzi fi zmien gimgha ghal xi gurisprudenza rilevanti bil-visto tal-kontroparti.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

Rat ir-rikors (Sic!?!) tal-Avukat Generali li bih l-Avukat Generali rrileva illi r-riferenza ghan-numru (2) li tinsab a fol. 4 tar-rikors saret bi zvista.

**Rat li l-appellata ma pprezentat ebda nota ta' gurisprudenza fiz-zmien utili lilha moghti.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;l**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-atti proceswali jidher li l-komparixxi originali kienet inharget kontra Francesca** Belli **u giet iffirmata mill-Ispettur fit-31 ta' Mejju, 2005, b' riferenza ghall-reati li allegatament sehhew fit-12 u 13 ta' Mejju, 2005 u kienet tikkontjeni sejha biex l-imputata appellata tidher quddiem il-Qorti fl-20 t' Ottubru, 2005 (fol. 1). Dak in-nhar l-imputata ma dehritx u wara li giet prezentata riferta pozittiva tan-notifika ta' l-imputata, il-kawza giet differita gha<u>l-14 ta' Dicembru, 2005</u>, fejn, wara li xehdu l-kwerelanti w l-imputata, l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fis-sens li l-isem tal-imputata kellu jaqra** "BELL" **minnflok** "BELLI". **Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat in-notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta. L-imputata tat ruha b' notifikata. Id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni w l-kawza skond il-versjoni dattilografata tas-sentenza giet deciza b'dan il-mod enigmatiku :-**

**Wara li l-Ewwel Qorti irriproduciet testwalment l-imputazzjonijiet u t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' ta' Susan Pisani, jintqal** biss **lakonikament u testwalment hekk :-**

*"Giet eccepita l-preskrizzjoni ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront ta' l-imputata Francesca Bell."*

**Illi mkien fis-sentenza dattilografata ma hemm decizjoni jekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gietx akkolta jew le ghalkemm donnu hekk fehem kullhadd u dik kienet l-intenzjoni tal-Ewwel Qorti.**

**Di fatti, fuq l-original tal-komparixxi (fol. 1) hemm miktuba bil-linka blu l-kelma *"preskritta"* bl-inizjali prezumibilment tal-Magistrat u d-data tal-14.XII.05.**

Certament li t-traskrizzjoni dattilografata tas-sentenza appellata lascia molto a desiderara. Imma, kif gie deciz fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Gauci"** [2.2.2005] :-

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, gie x' gie ittajpjat minn xi Deputat Registratur jew skrivan tal-awla, hija s-sentenza miktuba mill-Magistrat u minnu iffirmata li tinsab fil-process li f'dan il-kaz ghandha titqies bhala l-original u li konsegwentement ghandha tipprevali."*

Dan japplika ukoll f' dan il-kaz u la darba hemm – kif solitu jkun hemm fuq il-komparixxi stess id-decizjoni abbrevjata miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat, din ghandha tipprevali fuq it-traskrizzjoni dattilografata tal-istess. Ghalhekk, din il-Qorti qed tohodha li l-kawza fil-fatt giet deciza bid-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-akkuza kienet *"preskritta".*

Ikkonsidrat;

Illi l-komparixxi originali giet notifikata lill-appellata fis-16 ta' Gunju, 2005 kif jidher mir-riferta pozittiva a fol. 3 tal-process. Ergo ma hemmx dubju li dan sar entro t-terminu ta' tlitt xhur. L-appellata fis-seduta tal-20 t'Ottubru, 2005,

ma dehritx, pero’ dehret fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2005, ghall-meta l-kawza giet differita skond il-verbali a fols. 4 u 5. Hu minnu li ghaddew aktar minn tlitt xhur bejn in-notifika tal-komparixxi u l-ewwel darba li l-appellata dehret quddiem l-Ewwel Qorti, pero’ dan illum ma jeffettwax is-sospensjoni tal-preskrizzjoni, wara l-emenda li saret ghall-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali biz-zieda tas-subartikolu (2) li jghid testwalment hekk :-

*“Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghar-rigward ta’ kull reat kriminali ghandu jigi sospiz mill-waqt li l-imputazzjoni u, jew l-att ta’ l-akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata is-sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta’ dik l-imputazzjoni jew att ta’ akkuza.”*

Ghalhekk bin-notifika tal-komparixxi fis-16 ta’ Gunju, 2005 giet sospiza l-preskrizzjoni indefinittivament sa kemm tinghata s-sentenza finali w definittiva.

Meta dehret fl-14 ta’ Dicembru, 2005 u anki wara li xehdet l-imputata appellata, l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fil-kunjom tal-appellata kif fuq intqal u kien hawn li, wara li giet milqugha t-talba w ordnata l-korrezzjoni w wara li l-imputata tat-ruha b’ notifikata bic-citazzjoni kif korretta, li d-difiza eccepiet il-preskrizzjoni.

Biex tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, Il-Prosekuzzjoni qed tistrieh fuq is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J.) fil-kawza “**Il-Pulizija vs. Miriam Gravina”** [9.6.1995] fejn f’ cirkostanzi analogi w fejn intalbet korrezzjoni fl-isem tal-vittma tar-reat, dik il-Qorti kienet irriteniet li :-

*“Din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kienet tirmexxi li kieku bil-korrezzjoni mitluba w akkordata il-fatti lilha imputati kienu qeghdin b’ xi mod jinbidlu. Dak li gara , pero’, fis-seduta …kien li gie korrett* ***lapsus calami*** *fejn il-vittma tal-allegat incident gie originarjament indikat bhala Daniela minflok Daniel. Fil-fehma ta’ din il-Qorti , din il-korrezzjoni ma bidlet xejn mis-sustanza tal-fatti imputati, wisq inqas mir-reat ipotizzat b’ dawk il-fatti. Din il-Qorti, in fatti,*

*tosserva li tali korrezzjoni setghet anki ntalbet w intlaqghet wara li bdew jinstemghu il-provi, u l-imputata lanqas kienet tkun intitolata ghal xi differiment biex tigi notifikata mill-gdid bl-imputazzjoni peress li l-imputazzjoni baqghet sostanzjalment l-istess. B' tali korrezzjoni l-imputata ma giet pregudikata b'ebda mod fid-difiza taghha.Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta."*

Ikkonsidrat,

Li ghalkemm f'dan il-kaz il-*lapsus calami* kien fil-kunjom tal-appellata w cioe' minflok Bell inkiteb Belli, jibqa' l-fatt li l-imputata dehret quddiem il-Qorti in forza tal-istess citazzjoni li kull ma hi hu a*vviso a comparire w* iddefendiet ruha billi xehdet dwar l-incident. L-imputazzjoni baqghet l-istess u ma zdied xejn li jaghmilha aktar gravuza. Ghalhekk hi ma gietx pregudikata bil-korrezzjoni u l-kawza setghet titkompla. Peress li kienet l-istess kawza li qed titkompla w mhux kawza gdida w peress li l-preskrizzjoni f' din l-istess kawza kienet ilha sospiza mis-16 ta' Gunju, 2005, bid-debita notifika tal-komparixxi, anki hawn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma treggix u ghalhekk ma setghetx tigi akkolta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu iddikjarat l-azzjoni kriminali preskritta w minflok tiddeciedi li l-akkuza mhix preskritta w konsegwentement, anki biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, terga tibghat l-atti processwali lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tigi deciza fuq il-mertu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------